# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IS-SEBA' LEĠISLATURA

### LAQGĦA NUMRU 37

25 ta' Settembru 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-2:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

## 37.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

37.1.1. Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 37.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

37.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-sitta u tletin (36) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

37.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, AGS, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

37.2.3. Il-Viċi Sindku Vincent Borg għamel riferenza għall-materja nru 36.9.4 u staqsa jekk il-Kunsill kienx talab parir legali rigward il-każ tas-Sra Mildred Aquilina. Is-Sindku wieġbet li kienet intalbet laqgħa mas-Sra Aquilina, li eventwalment kienet ġiet ikkanċellata. Hija qalet li għandha terġa' tiġi fissata laqgħa fil-ġranet li ġejjin. Is-SE informat li s-Segretarju tal-Bord tal-Governanza kien informaha li kien bagħat id-dokumenti relatati mal-każ lis-Sur Ian Paul Bajada u dawn għandhom jinġabru l-għada.

37.2.4. Il-Viċi Sindku Vincent Borg għamel riferenza għas-sitwazzjoni tas-subways u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku wieġbet li kienet ikkorrespondiet ma' min hu konċernat u d-dwal ġew irranġati. Il-Kunsillier JAE fakkar fil-laqgħa li għandha tintalab mal-Ministru Ian Borg.

37.2.5. Il-Viċi Sindku Vincent Borg għamel riferenza għall-materja nru 36.10.12 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku nformat li kien ġie kkuntattjat il-Perit u qed tistenna risposta.

37.2.6. Il-Viċi Sindku Vincent Borg għamel riferenza għall-materja nru 36.12.8 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-logo tal-lokalita'. Is-Sindku wieġbet li l-mistoqsija għandha tqum meta jattendi il-Kunsillier Albert Demarco minħabba li kien hu li qed jieħu ħsieb din il-materja.

## 37.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

37.3.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet inżammet laqgħa mal-Onorevoli Herrera fejn ġew diskussi diversi punti u kienet laqgħa li kellha riżultat pożittiv. Hija qalet li l-Onor. Herrera kien wiegħed il-koperazzjoni tiegħu biex il-punti li tqajmu mill-Kunsill ikunu jistgħu jiġu fis-seħħ.

37.3.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bl-elezzjoni tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u informat li kien hemm l-applikazzjonijiet għal min kien interessat jitfa' n-nomina tiegħu. Hija żiedet tgħid ukoll li l-elezzjoni kienet ser tinżamm nhar is-Sibt 14 t'Ottubru 2017.

37.3.3. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'bosta ilmenti rigward l-isprall li hemm quddiem l-Istitut Kattoliku, fi Triq San Publju. Hija pproponiet li l-Kunsill jieħu ħsieb li dan jissewwa. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur tar-*road services* sabiex dan jitranġa.

37.3.4. Is-Sindku DSH qalet li tinsab iddiżappuntata bil-mod kif ġie trattat il-Kunsill mill-entitajiet li organizzaw attivitajiet fuq il-Fosos matul dan is-Sajf speċjalment wara l-attivitajiet tal-Indipendenza. Hija qalet li kienet tkellmet mas-Sur Fenech Adami li minflok jikkoopera u emenda n-nuqqasijiet, kien waqa' fuq id-difiża u prova jiġġustifika n-nuqqasijiet.

37.3.4.1. Il-Kunsillier AGS qal li ma kienx biss il-Partit Nazzjonalista li naqas u semma kif hu kien ra b'għajnejh vetturi fuq il-Fosos anke waqt il-meetings tal-Partit Laburista. Is-Sindku DSH innegat dan u qalet li dan ma kienx minnu.

37.3.4.2. Is-Sindku DSH qalet li kien wasal iż-żmien li tissejjaħ konferenza stampa dwar dawn in-nuqqasijiet. Il-Kunsillier AGS ma qabilx u qal li ladarba l-Fosos ma kienux tal-Kunsill, ma kienx jagħmel sens li tissejjaħ konferenza stampa relatata ma' dan. Is-Sindku DSH qalet li anke jekk il-Fosos m'huwiex responsabbilta' tal-Kunsill, il-ħsarat u t-tindif xorta kienu jiġu f'idejn il-Kunsill. Il-Kunsillier AGS qal li l-konferenza stampa jmissha ilha li ssejħet minħabba li dawn in-nuqqasijiet kienu jiġru ta' sikwit. Il-Kunsillier JAE qal li hu kien għamel riferenza qabel l-aħħar laqgħa biex ikun hemm iktar ħarsien fuq il-Fosos u ma setax jifhem għalfejn ma ttiħdietx azzjoni b'mod immedjat dakinhar u kif qed tiġi proposta issa, ftit jiem wara l-attivitajiet tal-Indipendenza. Is-Sindku DSH qalet li r-raġuni kienet biex il-Kunsill ma joskurax l-attivitajiet tal-Indipendenza. F' laqgħa preċedenti l-membri kollha kienu qablu li jibdew jittieħdu miżuri mill-aħħar t'Ottubru.

37.3.4.3. Il-Viċi Sindku VB qal li l-konferenza stampa mhux qed tiġi proposta biex titfa' dawl ikrah fuq organizzazzjoni jew partit wieħed iżda biex il-media tkun tista' tara l-ħsara li qed tiġi kkawżata ta' kull darba.

37.3.4.4. Is-Sindku DSH qalet li fil-festi tal-Indipendenza kienu tkissru żewġ bankijiet. Il-Kunsillier JAE qal li kien informat li l-PN kien irranġa fossa li tkissret. Il-Kunsillier JAE qal li min ikisser għandu jħallas iżda s-Sindku qalet li l-partiti politiċi ma kienux obbligati jħallsu.

37.3.4.5. Il-Viċi Sindku VB qal li lkoll jaqblu li kienet saret ħsara fuq il-Fosos matul dan il-perjodu. Is-Sindku DSH qalet li fil-konferenza stampa għandhom jinġabru l-attivitajiet kollha organizzata f'waħda u m'għandhiex tiġi speċifikata attività jew oħra.

**Nota: 14:24 Il-Kunsillier AD attenda għal-laqgħa.**

37.3.4.6. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jitkellimha informalment sabiex tiġi ssettjata data.

## 37.4 RAPPORTI

37.4.1. Is-SE MLL informat lill-Kunsill li kienet irċeviet ir-rapport tal-Health & Safety u qalet li kien hemm bżonn li tittieħed azzjoni fuqu u fuq dak propost. Is-Sindku DSH fakkret li għal uħud mill-affarijiet imsemmija, setgħu jintużaw il-fondi tal-UIF.

## 37.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

37.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-attivita' tal-Car Free Day li ġiet organizzata fil-Belt Valletta u qal li kien inħass l-impatt ta' din l-attività fuq il-lokalita'. Huwa qal li kien hemm bżonn li darb'oħra ssir konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali Floriana minħabba li din ħalliet effett kbir fuq il-lokalita' tal-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta sabiex jinżammu laqgħat ta' konsultazzjoni f'każijiet bħal dawn.

37.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk hemmx żvilupp rigward il-pjanti li ser jinżergħu fil-funtani. Is-SE wieġbet li jekk it-temp jippermetti, għandhom ikunu miżrugħin sal-aħħar ta' dil-ġimgħa.

37.5.3. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jitlob li jerġa' jkun hemm dawl fuq il-funtana tal-Iljun. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lil Ministru Ian Borg.

37.5.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal planters fi Triq il-Miratur u qal li dawn kienu ttieklu u kellhom bżonn jinbidlu jew issirilhom rinnovazzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb li dawn jinżebgħu u jitranġaw.

**37.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;**

37.6.1. Ma kienx hemm rapporti.

**37.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

37.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 31/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

37.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija u l-proposti t'hawn fuq, bir-riżultat ikun favur nem con.

37.7.2. Is-Sindku DSH informat li kien hemm applikazzjonijiet quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex permessi diġà approvati għal bini residenzjali jinbidlu f'uffiċini. Il-Kunsill qabel li għandu jappella bħalma dejjem sar sfortunatament a spejjeż tal-Kunsill, peress li l-Kunsill qatt ma kien ser jippermetti dawn il-manuvri a detriment tal-popolazzjoni tal-Floriana.

**37.8 MOZZJONIJIET;**

37.8.1. **MOZZJONI NUMRU 1**

Ir-riġenerazzjoni tal-Floriana hija problema kbira li jiffaċċja l-Kunsill li għandhu jagħmel minn kollox biex jikkonfrontha.
Il-Kunsill għandu obbligu li jmur quddiem il-Parlament fil-bidu ta' din il-leġiżlatura l-ġdida u jitlob sabiex il-Parlament jiġi konxju b' dan.
Dan billi nipproponi li l-Kunsill jagħmel kuntatt mad-Deputati kollha tal-Ewwel Distrett taż-żewġ naħat tal-Kamra, biex ikunu huma li jqajjmu dan f'isem il-Floriana u ċ-ċittadini li huma stess jirrappreżentaw.

(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)

-

Il-Kunsillier JAE qal li r-riġenerazzjoni tal-Floriana kienet importanti u għalhekk ippropona li l-Kunsill jagħmel kuntatt mal-membri parlamentari kollha tad-distrett u jipproponi l-idejat tal-Furjaniżi għal-Forum tal-President għar-Riġenerazzjoni tal-Floriana. Is-Sindku DSH ipproponiet li l-Kunsill jistenna l-eżitu tal-laqgħa li ser tinżamm dik il-

ġimgħa stess mal-President minħabba li tħoss li ser tiġi konfliġġenti mal-Forum tar-Riġenerazzjoni tal-President. Hija qalet li l-Kunsill jista' mbagħad jikkomunika ma' membru Parlamentari tad-Distrett u ma' membri oħra tal-Parlament.

Il-Kunsillier JAE qal li ma jaqbilx li din ser tkun konfliġġenti u żied jgħid li l-Kunsill kellu jaħtaf l-opportunita' qabel ma jiftaħ il-Parlament.

Il-Viċi Sindku ppropona li jintbagħtu l-minuti tal-laqgħa tal-Forum tal-President għar-Riġenerazzjoni tal-Floriana lid-deputati kollha sabiex ikunu jafu x'inhu għaddej u l-Kunsill ikun jista' jitlob il-kummenti tagħhom. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier JAE qal li f'każ li ma jkunx hemm attendenza jew risposta, allura għandu jsir xi ħaġa oltre fix-xahar ta' wara.

37.8.2. **Mozzjoni numru 2**

Sar magħruf minn bosta residenti tal-Housing Estate li qed ikun hemm nies li mhumiex residenti hemm, li qed joħolqu storbju li jtellifhom.

Nipproponi għalhekk li għandhom jitwaħħlu sinjali bil-kliem "Please respect the residents" u "Ġib rispett lir-residenti" sabiex l-istorbju jkun jista' jiġi kkontrollat.

(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)

-

Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill ma setax jinstalla sinjali fil-Housing Estate u qalet ukoll li għandu jkun l-inkwilin li jagħmel rapport lill-Housing Authority jew lill-Pulizija. Il-Kunsill qabel li min-naħa tiegħu għandu jieħu ħsieb jgħaddi dan l-ilment lill-Housing Authority.

Is-Sindku fakkret li dan m'huwiex l-onus tal-Kunsill u għalkemm ma ssibx oġġezzjoni, ir-resident għandu jagħmel il-biċċa tiegħu ukoll.

37.8.3. **Mozzjoni numru 3**

Lkoll konxji kemm turisti jilqgħa l-Waterfront.

Għalhekk qed nipproponi li tiġi nstallata mappa tal-lokalità tal-Floriana mal-Waterfront sabiex faċilment dawn it-turisti permezz ta' din il-mappa flimkien mal-informazzjoni li jkun magħha stess, ikunu konxji ta' x' toffri l-Floriana.
Qabel xejn pero' dan is-suġġeriment għandu jkun diskuss mal-entità privata responsabbli għat-tmexxija tal-Waterfront.

(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)

-

Il-Kunsill qabel ma' din il-mozzjoni u qabel li għandu jikkuntattja lis-CEO tal-Waterfront, is-Sur Stephen Xuereb dwar dan.

37.8.4. Il-Kunsillier AGS fakkar lill-Kunsill dwar il-bżonn ta' stop sign ħdejn il-Waterfront fit-tarf tat-Telgħa tal-Kurċifiss. Is-Sindku wieġbet li kienet informat lil TM u proponiet li jerġa' jintbagħat reminder kif ukoll kopja tal-korrispondenza lis-CEO tal-Waterfront.

**37.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

37.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-offerta' tal-photocopier. Hija qalet li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni kien irrakkomanda li tintlaqa' l-offerta' tal-irħas offerent. Il-Kunsill qabel.

37.9.2. Is-Sindku DSH qalet li kienu ntalbu kwotazzjonijiet għal cat cafés tal-injam minħabba li kienu iktar reżistenti minn dawk tal-plastik. Is-SE informat lill-Kunsill li l-ispiża kienet ġiet tammonta għal €250 kull waħda li fiha erbgħa postijiet. Il-Kunsill qabel li għandu jordna żewġ cat cafés u jieħu ħsieb li jiżbgħuhom il-ħaddiema tal-Kunsill stess.

37.9.3. Is-Sindku għamlet riferenza għaż-żona tal-cat cafés li hemm faċċata tal-Kunsill u qalet li kien hemm bżonn li jsir tindif ġenerali kif ukoll rinnovazzjoni tal-cat cafés. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem ma' min hu responsabbli u jipproponi li jsir dak neċessarju.

37.9.4. Is-Sindku ressqet kwotazzjonijiet ta' litter bins tal-plastik, li jammontaw għal €112. Is-Sindku ppropaniet li jiġu ordnati biżżejjed bins biex jitwaħħlu ħdejn il-Young Falcon Club, quddiem l-Iskola Primarja, quddiem il-Floriana Health Centre u ħdejn il-bus terminus. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistgħux isiru bins b'ashtray iżda s-Sindku wieġbet li l-bins it-tondi ma jiġux b'dan il-mod u jekk tordna wieħed differenti, jiġu spariġġjati. Il-Viċi Sindku VB esprima t-tħassib tiegħu għall-fatt li bins tal-plastik setgħu jinħarqu jekk xi ħadd jitfa' sigarett iżda s-Sindku qalet li l-bins ikollhom tank tal-ħadid fuq ġewwa. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jordna l-bins kif suġġerit u qabel ukoll li għandu jassigura li jitwaħħlu mal-art.

37.9.5. Is-SE informat lill-Kunsill li kienet inġibdet l-attenzjoni tal-uffiċċju li kien hemm bżonn li tiġi *upgraded* is-sistema tal-*accounting* minn SAGE Pastel Partner għal SAGE Evolution. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi u dan peress li s-sistema preżenti ma kienitx tieħu iktar *upgrades*.

37.9.6. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għaċ-ċint li hemm fit-Telgħa tal-Kurċifiss u qalet li kien hemm bżonn li jitranġa. Hija qalet li kienu ntalbu kwotazzjonijiet u l-ispiża ser tammonta għal €1085.60. Il-Kunsill approva u qabel li għandu jirranġa dan iċ-ċint.

37.9.7. Is-Sindku DSH qalet li kienet iltaqgħet mal-kuntrattur li jforni s-sistema tal-*live streaming*. Is-Sindku qalet li kamera mingħajr awdjo kienet tammonta għal €500 + VAT u waħda bl-awdjo kienet tammonta għal €600 + VAT. Il-Kunsill qabel li għandu jordna kamera bl-awdjo. Il-Kunsill qabel ukoll li jesplora l-possibbiltà li jsib sponsor wara li titwaħħal il-kamera.

37.9.8. Is-SE informat lill-Kunsill li kien hemm bżonn li jsir tindifa tas-sistema tan-NAS tal-uffiċċju tal-Kunsill li tammonta għal €94. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

37.9.9. IS-SE informat lill-Kunsill li kien hemm bżonn li jinxtraw qomos ġodda lill-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-Sindku DSH ipproponiet li l-impjegata tal-Community Workers Scheme tingħata uniformi wkoll sabiex tkun bħall-impjegati l-oħrajn. Il-Kunsill qabel.

**37.10 KORRISPONDENZA**

37.10.1. **KORRISPONDENZA MINGĦAND IL-VALLETTA 2018**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Valletta 2018 fejn offrew l-opportunita' lil artisti lokali jipparteċipaw f'inizjattiva li qed jorganizzaw. Il-Kunsill qabel li l-korrispondenza għandha tintbagħat lill-għaqdiet lokali, titwaħħal fin-noticeboards u titla' fuq il-paġna ta' Facebook.

37.10.2. **TALBA GĦAL SPAZJI TA' PARKEĠĠ MINGĦAND IL-FLORIANA HEALTH CENTRE**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Health Centre fejn talbu spazji ta' parkeġġ riservati għat-tobba li jservu fil-*clinic*. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jilqa' din it-talba minħabba li diġà hemm spazju biex jipparkjaw

minimu ta' ħames vetturi apparti l-ispazji riservati li diġà hemm. Il-Kunsill fakkar ukoll li t-tobba setgħu jagħmlu użu mid-dokument tad-*Doctor on Call*.

37.10.3. **Sistema ġdida ta' Live Streaming**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn informaw li ser ikun hemm sistema ġdida għal-live streaming. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza u qabel li għandu jikkonsulta wkoll mal-*web designer* tal-website tal-Kunsill.

37.10.4. **Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Noel Castillo fejn talab konferma dwar l-edizzjoni li jmiss tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Huwa ssuġġerixxa wkoll li tintalab għajnuna lill-V18 għal din l-edizzjoni kif ukoll li l-attività titpoġġa fuq il-kalendarju tal-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-ko-ordinatur li l-festival ser jerġa jsir u għandu jitlob laqgħa miegħu kif ukoll laqgħa mas-Sur Jason Micallef sabiex jibdew il-preparamenti relatati.

37.10.5. **Cultural Tours organizzati mill-Planning Authority**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Planning Authority kienet ser torganizza cultural tours u l-ewwel wieħed ser isir fil-Floriana nhar it-22 t'Ottubru 2017.

37.10.6. **Korrispondenza mingħand is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva fejn informa bil-Premju Anzjanità Attiva u offra lill-Kunsill sabiex jinnomina lil xi anzjan/a li ħaqqu jingħata dan il-premju. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata ċans ġimgħa lill-kunsillieri sabiex jiġi deċiż min ser jiġi nominat.

37.10.7. **Talba mill-Housing Authority għal tiswijiet fi Blk 4, Triq il-Fosos, Floriana**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Housing Authority kienu talbu lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb tiswijiet fil-pavimentar ta' Blk 4, Triq il-Fosos, Floriana. Is-Sindku DSH qalet li hi ma kienitx taqbel ma' din it-talba minħabba li l-Kunsill m'huwiex responsabbli għal dawn it-tiswijiet. Hija qalet li kienet tkellmet mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li ħa l-materja f'idejh.

37.10.8. **Korrispondenza mingħand Big Friends Guggen Musik**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'korrispondenza mibgħuta minn Big Friends Guggen Musik fejn informaw li kienu ser jerġgħu jieħdu sehem f'Ġenna ta' Ġonna. Il-Kunsill qabel li għandu jitolbu jibgħat applikazzjoni formali sabiex jipparteċipa f'din l-attività allavolja l-Kunsill kien diġa evalwa l-proposti ġimgħat ilu.

37.10.9. **Korrispondenza mingħand Vilhena Band Club**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-proposta ta' Vilhena Band Club fejn offrew żewġ rotot alternattivi għal banda li ser iddoqq dakinhar ta' Ġenna ta' Ġonna. Il-Kunsill qabel li għandu jmur għar-rotta numru 1 li tgħaddi minn quddiem id-Dar tal-Anzjani.

**Nota: 15:30 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

**37.11 PROĠETT - UIF FUND**

37.11.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-fondi tal-UIF u nformat lill-Kunsill li l-proġett seta' jinqasam f'fażijiet differenti. Hija informat ukoll li l-Perit kien intalab jagħmel *survey* tal-ispejjeż relatati.

37.11.2. Is-Sindku pproponiet li tintalab laqgħa mal-Perit, l-MCCA u l-KNPD sabiex ikun jista' jibda' l-proċess. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**37.12 FORUM TAR-RIĠENERAZZJONI TAL-PRESIDENT**

37.12.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li dakinhar kienet intbagħtet l-aġenda għal-laqgħa tal- Waterfront li ser tinżamm nhar il-Ħamis 28 ta' Settembru fit-3.30pm f'San Anton u talbet lill-kunsilliera sabiex jattendu.

**37.13 IŻ-ŻJARA F' MACERATA**

37.13.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Uffiċċju Muniċipali ta' Macerata kienu laqgħu ħafna lid-delegazzjoni tal-Kunsill. Hija qalet li kienu wrew ukoll interess biex flimkien mal-Kunsill, jiġu diskussi temi soċjali fl-interess tal-komunitajiet ġemellati.

37.13.2. Is-Sindku DSH proponiet li għal darb'oħra il-Kunsill jerġa' jistieden delegazzjoni minn Macerata għall-festa tal-lokal u proponiet ukoll li jiġu organizzati attivitajiet li juru l-kultura u l-wirt storiku tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li għandu jintbagħat invit formali lill-Comune di Macerata.

**37.14 CLEAN UP DAY**

37.14.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Clean Up Day ser tinżamm nhar is-7 t'Ottubru 2017 u li l-ittri kellhom jintbagħtu fil-jiem li ġejjin.

37.14.2. Is-Sindku qalet ukoll li ser jiġu mistiedna l-entitajiet kollha tal-lokal u nformat li l-Cleansing Department u l-Green MT kienu diġà kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom.

**37.15 ĠENNA TA' ĠONNA**

37.15.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-edizzjoni li jmiss ta' Ġenna ta' Ġonna u qalet li l-Kunsill kien ikkomunika mal-għaqdiet kollha li wrew ix-xewqa li jipparteċipaw.

37.15.2. Il-Kunsillier JAE qal li kien għadu qed jistenna risposta mingħand il-kumpanija tar-re-enactment.

37.15.3. Is-Sindku DSH proponiet li tinżamm konferenza stampa kemm għall-attivita' ta' Clean Up day kif ukoll għall-attivita' ta' Ġenna ta' Ġonna. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha tinżamm konferenza stampa għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna waħedha nhar it-Tlieta 10 t'Ottubru 2017 fis-1.00pm minħabba li alternattivi oħrajn kienu ser ikunu wisq qabel l-attività. Għandhom jiġu mistiedna l-Ministru responsabbli għall-kunsilli lokali kif ukoll is-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis u s-Shadow Minister Robert Cutajar.

37.15.4. Is-Sindku DSH qalet li għandha tikkomunika mas-segretarjat tal-Onor Debattista dwar Clean Up Day. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel data prospettiva għal nhar is-7 t'Ottubru 2017 fejn jiġu mistiedna l-Onor Debattista u l-GreenMT.

**37.16** **INNU TAL-KUNSILL LOKALI**

37.16.1. Is-Sindku DSH qalet li kienet tinħass il-ħtieġa li l-Kunsill ikollu innu li juri l-identità tiegħu u li jkun jista' jintuża għall-ftuħ tal-attivitajiet tal-Kunsill u funzjonijiet oħra. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**37.17** **ST PATRICK'S DAY**

37.17.1. Is-Sindku DSH ipproponiet li tinżamm laqgħa dwar din l-attività kif ukoll li tiġi stabbilita d-data għall-edizzjoni tas-sena d-dieħla.

37.17.2. Il-Kunsill qabel li l-edizzjoni li jmiss għandha tinżamm nhar il-Ħadd 11 ta' Marzu 2018.

**37.18** **IL-FOSOS**

37.18.1. Il-Kunsillier JAE fetaħ il-materja billi ppropona li l-Kunsill jitkellem mal-ministeru kkonċernat sabiex tiġi diskussa r-responsabbilta' tal-Fosos. Is-Sindku DSH ipproponiet li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici sabiex tiġi diskussa din il-materja.

37.18.2. Is-Sindku DSH qalet li l-ilmenti jilqagħhom il-Kunsill minkejja li l-Fosos ma jaqgħux taħt ir-responsabbilta' tiegħu. Kien għalhekk li wieħed għandu jara x'jista' jsir sabiex ma tibqax issir ħsara.

37.18.3. Il-Kunsillier JAE qal li l-entita' responsabbli kellha bżonn li toħroġ liġijiet u timponi liġi fir-rigward il-ksur ta' kundizzjonijiet għal attivitajiet li jinżammu fuq il-Fosos.

37.18.4. Il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jiltaqa' mal-Ministru Owen Bonnici qabel tinħareġ il-konferenza stampa diskussa preċedentement.

37.18.5. Is-Sindku pproponiet ukoll li tintalab laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis. Il-Kunsill qabel.

**37.19** **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

37.19.1. Il-laqgħa intemmet fl-4.00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 19 ta' Ottubru 2017 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum ____________________________________**

Davina Sammut Hili — Sindku

M'Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv